**5 ta' Marzu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Vittoria Camilleri *et*

*versus*

Carmelo Vella

## Bejgħ ta' Fond fil-Mori ta' l-Appell – Kjamata in Kawża

*Il-konvenut appellant biegħ il-fond, li għalih issir riferenza f'dan il-proċess, lil terzi wara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti iżda fil-mori ta' l-appell.*

*Il-kompratur tal-fond ma talabx biex jiġi ammess jintervjeni fil-kawża "in statu et terminis", u kif jemerġi mill-artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kif anki ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-kjamata in kawża tal-kompratur ma tistax tiġi ordnata jew awtorizzata f'dan l-istadju ta' l-appell.*

*Il-Qorti ma tarax alternattiva oħra ħlief dik li tiġi annullata s-sentenza appellata u l-proċess jiġi rimess lill-ewwel Qorti biex issir il-kjamata in kawża opportuna.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1975, li laqgħet it-talba ta' l-atturi kif proposta, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut li appella minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza, billi jiġu minflok miċħuda t-talbiet ta' l-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati li ssottomettew fil-mertu illi l-appell huwa inġustifikat u jimmerita li jiġi miċħud bl-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu, 1983, (fol. 129 tal-proċess) li permess tiegħu, wara li ġie rreġistrat li t-trattattivi għal transazzjoni ma seħħewx, l-atturi appellati, in vista tat-trasferiment mill-konvenut tal-fond tiegħu lil terzi persuni fil-mori ta' l-appell, eċċepew il-karenza ta' l-interess min-naħa ta' l-appellant għall-prosegwiment ta' l-appell;

Rat is-sottomissjoni ta' l-appellant, magħmula bl-imsemmi verbal, fejn saret riferenza għall-obbligazzjoni assunta mill-istess appellant fil-kuntratt tal-bejgħ tal-fond in kwistjoni;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni tal-karenza ta' interess ta' l-appellant;

Ikkunsidrat dwar l-istess eċċezzjoni;

Kif jirriżulta mill-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 1979, fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza, li kopja tiegħu tinsab esebita a fol. 88 tal-proċess, il-konvenut appellant biegħ il-fond in kwistjoni wara s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u fil-pendenza ta' l-appell preżenti;

F'dan il-kuntratt ta' bejgħ ġie miftiehem bejn il-venditur (i.e. il-konvenut appellant) u l-kompratur "li dwar il-bitħa interna ta' l-imsemmija dar u l-kamra ta' ħdejha hemm kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li qiegħda għas-sentenza, u jibqa' konvenut illi f'każ li l-venditur jitlef din il-kawża, huwa jobbliga ruħu li jerġa' jibni, għas-spejjeż esklussivi tiegħu, dak li l-Qorti fuq imsemmija tikkundanna lill-venditur li jerġa' jħott, kif u fejn jidhirlu l-kompratur, u b'dana illi l-kompratur ma jkollu x'jaqsam xejn ma' dina l-istess kawża li qiegħda ssir bejn il-venditur bħala konvenut u bejn l-imsemmija tliet aħwa Camilleri bħala atturi, u lanqas ma' ebda spiża, tkun xi tkun";

Joħroġ ċar minn eżami ta' din il-klawsola li għalkemm bl-imsemmi kuntratt il-konvenut appellant ittrasferixxa l-fond, id-dritt litiġjuż ma ġiex ittrasferit, u l-istess konvenut għamilha ċara li fil-proċeduri odjerni ried jibqa' u kien ser jibqa' konvenut, u kien preċiżament għalhekk li assuma ċerti obbligi preċiżi fil-konfront tal-kompratur fl-eventwalità ta' eżitu sfavorevoli għalih;

Il-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel ma' dak li jissottomettu l-atturi appellati fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom li l-konvenut appellant illum svesta ruħu mill-interess ġuridiku li kelli li jikkontesta d-domandi ta' l-atturi u jimpunja s-sentenza

avversa;

Anke indipendentement minn kull interess li jista' jkollu fid-deċiżjoni dwar il-kap ta' l-ispejjeż, il-konvenut għandu ovvjament interess fl-eżitu ta' l-appell preżenti l-għaliex huwa a bażi ta' dan l-eżitu li se jkollu jirregola ruħu fil-konfront tal-kompratur tal-fond. Tant jeżisti l-interess ta' l-appellant, illi fl-ipotesi li l-atturi bdew il-proċeduri ġudizzjarji wara t-trasferiment tal-fond mill-konvenut u kontra l-akkwirent tal-fond, ma kinitx tkun tista' tiġi miċħuda talba tal-konvenut appellant odjern fil-Qorti ta' l-Ewwel Grad jew anke f'din il-Qorti biex jintervjeni '*in statu et terminis*', jew talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-Qorti ta' l-Ewwel Grad għall-kjamata in kawża tiegħu;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni ta' karenza ta' interess min-naħa ta' l-appellant għall-prosegwiment ta' l-appell, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż relattivi għal dan l-inċident jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.